KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta u Disghin (96)***

***L-Erbgha,22 ta' Mejju, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**96.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

96.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**96.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

96.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 95 li nzammet nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2019.

96.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 95 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

96.2.4 **Mozzjoni 96-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 95.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Il-Minuti Numru 95 gew approvati unanimament.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha attendew il-Vici Sindku Emanuel Vassallo u l-Kunsilliera Miriam Schembri (5:45pm)*

**96.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 96/2019 – Mejju 2019***

96.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 95-2019 biċ-ċekkijiet numru 6523 sa 6564 li tammonta €38,243.09

96.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll ghall-approvazzjoni *invoice* ta' xoghol li sar fiz-zona ta' Triq il-Qattus li tammonta ghal €250.

96.3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll *invoice* ghall-approvazzjoni ta' bini ta' hajt tas-sejjieh fi Triq Carmelo Rosario Dimech, li waqa waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet fl-istess triq. L-ammont huwa ta' €250.

96.3.2 **Mozzjoni 96-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 96-2019 bl-ammont ta' €38,243.09 flimkien mal-*invoices* imsemmija f'96.3.2 u f'96.3.3

Proponent: Il-Kunsilliera Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 96-2019 giet approvata unanimament.

**96.4 <u>Korrispondenza</u>**

96.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-sejha ghall-gbir ta' skart riciklat intbaghtet izda hadd ma ssottometta l-offerta tieghu. Ghaldaqstant gie propost li l-kuntratt ezistenti jigi mgedded sakemm terga tohrog is-sejha u jkollna l-offerti sottomessi.

96.4.2 Tressqet korrispondenza dwar stima sabiex isiru t-toqob tal-festa fi Triq il-Belt Valletta. Il-Prezz huwa ta' €200 ghal kull toqba (VAT inkluza) u jridu jsiru 30 toqba. Infrastructure Malta se tkun qed thallas il-prezz ta' 30 toqba ta' size 8 u ghaldaqsatant il-Kunsill ihallas id-differenza. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo staqsa dwar it-tappieri l-antiki. Il-Kunsill qabel li ghandna ha nkellmuhom biex ituhomlna lura.

96.4.3 Rigward it-toqob ta' triq il-Belt Valletta, il-Kunsill qabel li jikteb lill-Ghaqdiet biex jiehdu hsieb l-ghotjin u f'kaz li wara l-festi jinstabu xi ghotjin nieqsa, l-ispejjez taghhom ghandhom jigu mitluba lill-istess ghaqdiet.

*96.4.4* Tressqet korrispondenza dwar kwotazzjoni sabiex il-fanal li hemm fil-bandli naghmlulu *sandblasting* u jinzebah biex jehel x'imkien iehor. Il-kwotazzjoni tammonta ghal €780 minghajr VAT. Din il-kwotazzjoni guet approvata. Rigward it-trasport tal-fanal tressqet ukoll kwotazzjoni ta' €150 li din ukoll giet approvata. Rigward fejn se jitpogga il-fanal, il-Kunsill qabel li jigi diskuss fil-laqghat li jmiss.

96.4.5 Tressqet korrispondenza dwar kwotazzjoni sabiex isir it-tindif wara l-marci tal-festa ta' San Guzepp. Il-kwotazzjoni tammonta ghal €3515.32. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

96.4.6 Tressqet kwotazzjoni sabiex jingabar l-iskart tal-hwienet ta' Bir id-Deheb min-naha tal-Kunsill. Il-kwotazzjoni tammonta ghal €177. Il-Kunsill qabel li jhallas il-kuntrattur taghna u l-ispejjez jinqasmu bejn it-tlett ihwienet.

96.4.7 Tressqet korrispondenza dwar skema ghall-Kura tal-Annimali fil-komunita'. F'kaz li jkun hemm xi progett propost, dan ghandu jitressaq fil-laqghat li jmiss.

96.4.8 Tressqet kwotazzjoni ta' €230 sabiex jigu mqabbda il-pannelli tal-gnien. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekja jekk dan ix-xoghol kienx inkluz fit-tender, jekk le, din tithallas sabiex jigi mqabbda l-pannelli.

96.4.9 Tressqu kwotazzjonijiet sabiex jinhatar DPO fil-Kunsill Lokali minhabba li l-AKL mhux se tibqa toffri dan is-servizz. L-orhos kwotazzjoni hija ta' €375 (excl.VAT) fix-xahar li jinkludi il-process kollu sabiex il-Kunsill dejjem ikun konformi mal-principji tal-GDPR. Din il-kwotazzjoni giet approvata.

96.4.10 Tressqet korripondenza minghand resident dwar permess PA/03279/19 ghal bini ta' dar ghall-anzjani. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu joggezjona.

**96.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

96.5.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jinzabru s-sigar tac-cimiterju. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

96.5.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru bollards quddiem garaxxijiet tar-residenti, skond it-talba. Il-Kunsill ma qabilx li dawn isiru ghax ikunu ta' ostaklu fit-triq.

96.5.3 Infrastructure Malta talbet lill-Kunsill sabiex igib kwotazzjoni biex issir iz-zebgha fit-toroq li saru godda bl-asphalt u wara din il-kwotazzjoni tigi mghoddija lit-TM. Il-Kunsill se jkun qed jitlob ghall-kwotazzjoni.

96.5.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir road hump bit-tarmac f'salib it-toroq fi Triq il-Belt Valletta. Is-Sindku qal li se jkellem lill-kuntrattur u Infrastructure Malta.

96.5.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li apparti l-5 blalen li nxtraw biex jinghataw lin-Nursery, jinxtraw 20 ohra li jammontaw b'kollox €150. Il-Kunsill qabel.

96.5.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq kwotazzjoni biex issir Triq il-Merill bit-tarmak. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba minhabba li issa t-toroq m'ghadhomx responsabilita' tal-Kunsilli Lokali.

96.5.7 Is-Sindku ressaq talba sabiex jergghu jigu ordnati t-tabelli tal-iskola. Il-Kunsill qabel.

96.5.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir bicca bankina fi Triq Ghar Dalam. Il-Kunsill qabel li jkellem lil Infrastructure Malta u nistaqsu ghaliex ma saritx.

**96.7 Mozzjonijiet**

95.7.1 Annessi mal-Minuti

**96.8 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

96.8.1 Il-Kunsilliera Miriam Schembri pproponiet li l-*Comic Book* jinbiegh ghall-prezz ta' Eur2.50 kif ukoll jinghataw 50 ktieb lill-Kullegg San Benedittu. Dwar dan l-Kunsill qabel.

*F'dan l-istadju tal-laqgha, Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo talab li jkun skuzat.*

**96.9 <u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

96.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 11 ta' Gunju, 2019 fil-5.30pm. Il-Laqgha ta' wara se ssir fit-13 ta' Gunju 2019 fis-7:00pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Ezekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 95**

**Mozzjoni Ref:** 95-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 94

**Emanuel Vassallo**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

---

**Data:** 29 ta' April 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 95**

**Mozzjoni Ref:** 95-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 95

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

**Data:** 29 ta' April 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**